TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

CCT/495/11/S

Maria Dolores u John Cortis

Vs

Donella Agius ezercenti l-kummerc bhala D Club Fashion

Illum 8 ta'Novembru,2012.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Maria Dolores u John Cortis ipprezentata fit-22 ta'Novembru,2011 u r-risposta ta' Donella Agius ezercenti l-kummerc bhala D Club Fashion datata 13 ta'Marzu,2012;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-partijiet, kif ukoll it-trattazzjoni taghhom fis-seduta tal-5 t'Ottubru,2012;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda alterazzjoni f'gakketta li skont l-atturi, ma saritx skont is-sengha filwaqt li l-konvenuta tenniet li l-gakketta ma kellha xejn hazin u kienet anki offriet li tibdel il-gakketta pero l-attrici m'accettatx;

Illi fl-ewwel lok jinghad li kienet l-attrici li ghazlet u konsegwentement, xrat il-gakketta kif ukoll ordnat l-alterazzjonijiet li xtaqet;

Illi l-attrici kellha l-hin kollu tiddeciedi fuq il-gakketta u fil-fatt iddecidiet li tixtriha;

Illi anki jekk l-alterazzjonijiet ma sarux kif xtaqet l-attrici, dawn setghu jitrangaw;

Illi l-attrici stess fix-xhieda taghha stqarret li *"...l-uniku ilment tieghi fil-gakketta kien it-tul tal-kmiem..."* u anki jekk ma kinitx kuntenta bir-rizultat tal-alterazzjonijiet, dawn setghu jergghu isiru ghas-sodisfazzjon tal-istess attrici;

Illi inoltre, l-attrici ma gabet ebda prova li l-gakketta kellha xi difett mohbi;

Illi mix-xhieda mismugha u mill-provi prodotti, ma jirrizultax xi nuqqas daparti tal-konvenuta fl-obbligi taghha bhala bejjiegha;

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 - MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070 FAX: (+356) 21239888

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq spjegati, wara li ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta'Malta u fic-cirkostanzi tal-kaz, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jichad it-talba ta' Maria Dolores u John Cortis u Jilqa' l-eccezzjonijiet ta' Donella Agius ezercenti l-kummerc bhala D Club Fashion u b'kull parti thallas l-ispejjez rispettivi ta' dawn il-proceduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru